IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.11.2017
COM(2017) 802 final

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

bil-ħsieb li tiġi korretta d-devjazzjoni sinifikanti osservata mill-pjan ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fir-Rumanija

{SWD(2017) 603 final}

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

bil-ħsieb li tiġi korretta d-devjazzjoni sinifikanti osservata mill-pjan ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fir-Rumanija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika,[1] u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2), it-tieni subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill iddeċieda skont l-Artikolu 121(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") li fir-Rumanija kien hemm devjazzjoni sinifikanti osservata mill-pjan ta' aġġustament għall-objettiv baġitarju ta' terminu medju u ħareġ rakkomandazzjoni għar-Rumanija biex tieħu l-miżuri neċessarji biex ikun żgurat li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett[2] ma taqbiżx it-3,3% fl-2017, li jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,5% tal-PDG[3]. Ir-Rumanija ngħatat ir-rakkomandazzjoni li tuża l-qligħ mhux mistenni għat-tnaqqis tad-defiċit, filwaqt li jenħtieġ li l-miżuri ta' konsolidazzjoni baġitarja jiżguraw titjib dejjiemi fil-bilanċ strutturali tal-amministrazzjoni pubblika b'mod li jiffavorixxi t-tkabbir. Il-Kunsill stabbilixxa data ta' skadenza tal-15 ta' Ottubru 2017 għar-Rumanija biex jirrapporta dwar azzjoni meħuda b'reazzjoni għar-rakkomandazzjoni.

(2) Fil-11 ta' Lulju 2017, il-Kunsill irrakkomanda li fl-2017 ir-Rumanija tiżgura li tikkonforma mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2017 bil-ħsieb li tiġi korretta d-devjazzjoni sinifikanti mill-pjan ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju[4]. Għall-2018, ir-Rumanija ngħatat ir-rakkomandazzjoni li tipprova

---

1 ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

2 L-infiq nett tal-gvern huwa magħmul mill-infiq totali tal-gvern bl-esklużjoni tal-infiq fuq l-imgħax, infiq fuq programmi tal-Unjoni korrisposti bis-sħiħ mid-dħul mill-fondi tal-Unjoni u tibdil nondiskrezjonarju fl-infiq fuq il-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjata nazzjonalment hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Miżuri ta' dħul diskrezjonarji jew żidiet fid-dħul mitluba mil-liġi huma inklużi. Miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-infiq huma esklużi.

3 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2017 bil-ħsieb li tiġi korretta d-devjazzjoni osservata sinifikanti mill-pjan ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju fir-Rumanija (ĠU C 216, 6.7.2017, p. 1).

4 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tar-Rumanija u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tar-Rumanija (ĠU C 261, 9.8.2017, p. 98).

tagħmel sforz fiskali sostanzjali b'konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, sabiex taġġusta ruħha ulterjorment lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju tagħha ta' defiċit strutturali ta' 1% tal-PDG. Skont il-matriċi ta' aġġustament maqbula komunement skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, dak l-aġġustament issarraf f'rekwiżit ta' rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett li ma taqbiżx l-4,3 % fl-2018. Din tkun tikkorrispondi għal aġġustament strutturali ta' 0,5 % tal-PDG.

(3) Fis-26 u s-27 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni wettqet missjoni ta' sorveljanza msaħħa fir-Rumanija għall-fini ta' monitoraġġ fuq il-post skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97. Il-Kummissjoni rrappurtat ir-riżultanzi tagħha lill-Kunsill fl-24 ta' Ottubru 2017 u ppubblikathom, wara li ttrażmettiet r-riżultanzi provviżorji tagħha lill-awtoritajiet Rumeni.

(4) Fit-13 ta' Ottubru 2017, l-awtoritajiet Rumenti ppreżentaw rapport dwar azzjoni effikaċi b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2017. Fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Rumeni fir-rapport tagħhom dwar l-azzjoni meħuda, u l-valutazzjoni kumplessiva bbażata fuq it-tbassir tal-ħarifa 2017, il-Kunsill fl-[XX] ikkonkluda li r-Rumanija ma ħaditx azzjoni effikaċi b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2017.

(5) Ir-Rumanija qed issegwi politika fiskali proċiklika fil-preżenza ta' tkabbir ekonomiku u marġni pożittiv tal-potenzjal tal-produzzjoni. Fl-2017, il-bilanċ strutturali huwa stmat li kien 2,3% tal-PDG 'il bogħod mill-objettiv baġitarju ta' terminu medju tagħha. Għalhekk, u fid-dawl tan-nuqqas ta' azzjoni effikaċi mir-Rumanija, huwa xieraq li tiġi indirizzata lil dan l-Istat Membru rakkomandazzjoni riveduta skont l-Artikolu 121(4) TFUE dwar il-miżuri xierqa li jridu jittieħdu.

(6) Abbażi tal-proġettazzjonijiet tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni tat-tbassir tar-rebbiegħa 2017 tal-Kummissjoni, fl-2017 u fl-2018 ir-Rumanija tinsab fi żminijiet ekonomiċi normali. Il-proporzon tad-dejn pubbliku tar-Rumanija huwa anqas mil-livell limitu ta' 60% tal-PDG. L-isforz strutturali minimu meħtieġ preskritt mir-Regolament (KE) Nru 1466/97 u l-matriċi ta' aġġustament maqbula komunement skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li jqis iċ-ċirkostanzi ekonomiċi prevalenti u t-tħassib possibbli dwar is-sostenibbiltà, jammontaw għal 0,5% tal-PDG.

(7) Il-Kummissjoni qed tipproġetta li d-defiċit strutturali tar-Rumanija se jiżdied b'1,1% tal-PDG fl-2017, filwaqt li r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2017 talab tnaqqis strutturali ta' mill-inqas 0,5% tal-PDG. Barra minn hekk, huwa pproġettat li fl-2017, ir-Rumanija tibqa' bil-valur referenzjarju tat-Tratttat ta' defiċit ta' 3% tal-PDG u huwa previst li se tiksru b'marġini sinifikanti fl-2018 abbażi tat-tbassir tal-ħarifa 2017 tal-Kummissjoni.

(8) L-isforz addizzjonali biex ir-Rumanija tmur lura fit-triq tal-pjan ta' aġġustament xieraq wara d-devjazzjonijiet fl-2016 u fl-2017 jenħtieġ li jikkomplementa l-aġġustament ta' 0,5% tal-PDG irrakkomandat mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017. Jidher li sforz addizzjonali ta' 0,3% tal-PDG ikun xieraq fid-dawl tal-kobor tad-devjazzjoni sinifikanti osservata mill-pjan ta' aġġustament rakkomandat lejn objettiv baġitarju ta' terminu medju u dan jaċċellera l-aġġustament lura lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju. It-titjib meħtieġ tal-bilanċ strutturali b'0,8 % tal-PDG fl-2018 huwa konsistenti mar-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett li ma teċċedix it-3,3% fl-2018.

(9) It-tbassir tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2017 jipprevedi deterjorament ulterjuri tal-bilanċ strutturali b'1 % fl-2018. Għaldaqstant, titjib strutturali ta' 0,8 % tal-PDG fl-2018 jissarraf fi ħtieġa li jiġu adottati miżuri ta' rendiment strutturali totali ta' 1,8% tal-PDG meta mqabbel mal-linja bażi attwali tal-2018 mit-tbassir tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2017.

(10) It-tbassir tal-Kummissjoni tal-ħarifa tal-2017 jipproġetta defiċit pubbliku ta' 3,9% tal-PDG fl-2018, li jkun ogħla mill-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3% tal-PDG. L-aġġustament strutturali meħtieġ ta' 0,8% tal-PDG meta mqabbel mal-eżitu pproġettat għall-2017 jiżgura wkoll li r-Rumanija tirrispetta l-livell limitu ta' defiċit pubbliku ta' 3% tal-PDG fl-2018 b'marġni.

(11) Ir-rekwiżiti għall-2018, maħruġa f'din ir-rakkomandazzjoni, jissostitwixxu l-elementi korrispondenti stabbiliti fir-rakkomandazzjoni fiskali li tinsab fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill indirizzata lir-Rumanija fil-11 ta' Lulju 2017.

(12) Ir-Rumanija għandha tagħti rapport lill-Kunsill dwar l-azzjoni meħuda b'reazzjoni għal din ir-Rakkomandazzjoni sal-15 ta' April 2018, possibbilment bħala parti mill-Programm ta' Konverġenza tagħha ppreżentat skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

(13) Huwa xieraq li din ir-rakkomandazzjoni tkun pubblika,

B'DAN JIRRAKKOMANDA:

LI R-RUMANIJA:

(1) tieħu l-miżuri neċessarji biex tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma teċċedix it-3,3% fl-2018, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' mill-inqas 0,8% tal-PDG fl-2018, u b'dan tqiegħed lill-pajjiż fit-triq ta' pjan ta' aġġustament xieraq lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju;

(2) tuża kull qligħ mhux mistenni għat-tnaqqis tad-defiċit; jenħtieġ li l-miżuri ta' konsolidament baġitarju jiżguraw titjib dejjiemi fil-bilanċ strutturali pubbliku b'mod li jiffavorixxi t-tkabbir;

(3) tagħti rapport lill-Kunsill sal-15 ta' April 2018 dwar l-azzjoni meħuda b'reazzjoni għal din ir-Rakkomandazzjoni.

Din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President